# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Citaz. Nru. 1860/99DS**

Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom C.P. Trading Co. Ltd. abbazi tal-ligi u tal-Polza ta' Assigurazzjoni

vs

Gollcher Company Limited bhala mandatarji specjali/agenti tas-socjeta` L.C.L. Express Services S.L. u bhala operaturi tat-Terminal f'Hal-Far Groupage

Illum, 30 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Awissu 1999 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-assigurat tas-socjeta' attrici kien ghamel uzu mis-servizzi illi toffri s-socjeta' konvenuta nomine u dana billi l-istess socjeta' konvenuta nomine inghatat l-inkarigu sabiex tittrasporta container mill-Port ta' Barcellona fi Spanja ghall-Malta.

Illi meta l-imsemmi container, numru (CSU1430170), tghabba fuq il-vapur CGM Pascal fi Spanja huwa kien jikkontjeni mija u hamsa u sittin (165) il-pakkett jew "carton" ta' lews differenti, kif jidher mill-bill of lading datat 3 ta' Ottubru 1998, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi meta infetah l-imsemmi container u cioe mal-wasla tieghu f'Malta, instab illi kien fih biss mija u tletin (130) pakkett jew "carton" mill-mija u hamsa u sittin (165) illi kienu telqu minn Spanja, u dana kif jidher mir-"Release Order" mahrug mid-Dipartiment tad-Dwana hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B.

Illi s-socjeta' attrici rimborsat lill-assigurat taghha ghad-danni li huwa sofra u dana ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni numru 30/10088/003. Liema danni kienu jammontaw ghas-somma ta' tlett elef erba' mija u hamsa u erbghin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm3,485.72), skond l-"Adjustment of Claim form" hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

Illi in vista tas-suespost is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha skond is-"Subrogation Form" datat 12 ta' Jannar 1999 hawn anness u mmarkat bhala Dok. D u skond il-ligi.

Illi s-socjeta' konvenuta pro et nomine naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex tissalvagwardja l-merkanzija propjeta' tal-assigurat tas-socjeta' attrici, waqt illi l-istess kien taht il-kura u kustodja taghha.

talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta pro et noe jew min minnhom hija responsabbli ghad-danni illi soffriet is-socjeta' attrici';

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm3485.72 jew somma verjuri;

3. tikkundanna lil-istess socjeta' konvenuta pro et noe jew min minnhom sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata. – Kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax mid-data tal-hlas u bl-ispejjez inkluzi Lm20 tal-konsult kontra s-socjeta' konvenuta pro et noe.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

Illi fl-ewwel lok, Gollcher Company Limited ma ghadiex l-agent tas-socjeta' estera LCL Express Services S.L. u kwindi l-atturi ghandhom jirregolaw ruhhom fuq dan l-aspett;

Illi subordinatament fil-mertu u in kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront ta' Gollcher Company Limited de proprio bhala l-operaturi tal-bond

taghhom, l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat lamentati u fi kwelunkwe kaz kull responsabbilita li tista' tigi kostatata fil-konfront taghhom hija limitata ai termini tal-polza ta' kariku u tal-ligi applikabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:

Din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fejn qieghda ssostni li hija m'ghadhiex l-agent tas-socjeta` estera LCL Express Services S.L.

Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2001 effettivament xehed Michael Chetcuti, senior manager mas-socjeta` Gollcher Company Limited li xehed li kienu bdew jahdmu mas-socjeta` estera msemmija fid-9 ta' Dicembru 1997 izda s-servizz gie terminat fis-16 ta' Frar 1999. Dan ma giex kontestat. Ghalhekk jirrizulta li, filwaqt li meta gie importat il-*container* imsemmi fic-citazzjoni s-socjeta` Gollcher Company Limited kienet l-agent tas-socjeta` estera msemmija, meta giet intavolata c-citazzjoni din l-agenzija kienet diga` ilha sitt xhur li giet terminata.

L-istitut ta' l-agenzija kummercjali huwa regolat f'parti sostanzjali bil-provvedimenti tal-Mandat. Issa s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1865 tal-Kodici Civili jghid:

> *"Il-mandatarju jista' wkoll, bis-setgha hawn fuq imsemmija* (cioe` bis-setgha tal-mandat lilu moghti), *ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawzi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-affari li tidhol fil-mandat"*.

Meta waslet il-merkanzija Malta, is-socjeta` Gollcher Company Limited kienet agenti jew mandatarja tas-socjeta` estera LCL Express Services S.L. Izda meta giet intavolata c-citazzjoni ma kenitx.

Kull wiehed mill-partijiet in kawza jrid ikollu interess guridiku biex jista' jinghad li ghandu d-dritt tal-*locus standi in judicio* (**Veronica Farrugia et vs Mary Buhagiar**, Qorti ta' l-Appell, 2 ta' April 1993, Vol. LXXVII.ii.98). U huwa pacifiku li l-interess guridiku ghandu jkun attwali, kif jiddefinieh il-Mortara *"la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un dirito"*, u ghalhekk ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni, u inoltre jehtieg li l-interess ikun konkret, personali u sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda (Ara: Vol. LXXXI.ii.250, Vol. LXXVI.ii.246, Vol. LXXV.ii.386, Vol. XLI.ii.1051).

Galadarba mela s-socjeta` Gollcher Company Limited ma kenitx aktar agenti jew mandatarja ta' l-imsemmija socjeta` meta giet intavolata c-citazzjoni, ma setghetx tigi citata bhala tali fic-citazzjoni. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni hija gustifikata u s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited "bhala mandatarja specjali/agenti" m'ghandhiex *locus standi* fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta izda thalli mpregudikata l-kwistjoni dwar l-ispejjez f'dan l-istadju.

ONOR. IMHALLEF

DR. DAVID SCICLUNA D/REGISTRATUR